**Minuti tal-Laqgħa nru 55 (kontinwazzjoni) tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2011 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.15p.m. | 10.00 p.m. |
| Vici Sindku Josette Agius Decelis | 7.05 p.m. | 8.00 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.10 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.05 p.m. | 8.10 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.20 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.20 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 7.30 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.48 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.10 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.32 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.20 p.m. | 10.00 p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Aġġudikazzjoni ta' l-Offerti**

1.01 Is-Sur Joe De Martino qara żewġ ittri li kienu intbagħtu lill-Kunsill dwar li meta mozzjoni tiġi imressqa fil-Kunsill din għandha tiġi diskussa u wara tgħaddi għall-vot. Dak li jkun deċiż mill-Kunsill Lokali għandu jiġi implimentat. Dawn inkitbu mis-Segretarju Parlamentari u mid-Direttur tal-Gvern Lokali. Is-Sur De Martino qal li s-Segretarju bħal ma soltu jibgħat diversi korrispondenza lill-kunsilliera, kien fid-dmir li jaqra din il-korrispondenza lill-Kunsill.

1.02 Hawn il-Kunsillier Chris Grech issuġġerixxa li ssir sospensjoni tal-Aġenda biex nitkellmu dwar Jum il-Mosta. Il-Kusilliera kollha preżenti, minbarra s-Sindku ma qablux ma' dan is-suġġeriment u sostnew li għandna nżommu s-sekwenza tal-aġenda u nittrattaw l-*Items* wara xulxin, hekk kif imniżżla fl-aġenda. Is-Sindku irrisponda li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, dik tat-30 ta' Awwissu 2011 kien ta ruling li s-suġġett tal-aġġudikazzjoni kien ġie eżawrit u għaldaqstant ma setax jiġi aktar diskuss. Peress li instab li dan il-kliem ma kienx intqal b'dan il-mod id-diskussjoni dwar l-aġġudikazzjoni tal-Offerti kompliet tiġi ttrattata.

1.03 Is-Sindku qal li skont parir legali tal-avukat tal-Kunsill il-mozzjoni KLM-18/2011imressqa mill-Kunsilliera kienet kontra l-liġi. Huwa kompla li hu ma setax ma jimxix fuq il-parir tal-avukat tal-Kunsill. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill iġib l-avukat tad-Dipartiment u hu kien lest li joqgħod fuq il-parir li kien se jagħti hu (l-avukat tad-Dipartiment) .

1.04 Hawn il-Kunsillier Chris Grech reġa' semma' biex tiġi ttrattata l-*item* ta' Jum il-Mosta li kien jidher bħala *Item* 5 fl-Aġenda. Huwa qal li ż-żmien kien kontra tagħna u sostna li jekk il-Kunsill kien irid li Jum il-Mosta jsir, dan l-*Item* kellu jkun diskuss. Il-Kunsilliera sostnew li huma kienu għadhom fl-ewwel *item* u kellhom iżommu s-sekwenza tal-*items* fl-aġenda.

1.05 Saru diversi waqfiet u konsultazzjonijiet min-naħa tas-Sindku u l-Kunsillier Chris Grech. Dan qabel ma l-Kunsill seta' jkompli bl-ordni tal-aġenda.

1.06 Hawn is-Segretarju wara li talab permess biex jitkellem qal li la darba l-Kunsill kien kontra li *items* aktar lura fl-aġenda (bħal Jum il-Mosta) jiġu diskussi jekk ma tkunx ġiet mitmuma d-

diskussjoni dwar l-aġġudikazzjoni ta' l-Offerti, il-Kunsill kellu jimxi ma' L-Agenda . Biex naqbżu f'item ieħor irid jittieħed vot.

## 2.0 TCTC

Ġie miftiehem li *item* 2 TCTC tinqabeż u mmorru għall-item 3.

Reġa saret waqfa twila oħra. Hawn is-Sindku tkellem fejn qal li r-riżoluzzjoni KLM 18/2011kellha tgħaddi għall-vot. Biss mhux qabel ma jagħmel stqarrija u *statement* ta' protesta

Sandanittant issemmiet l-issue dwar it-trattament li jrid isir għal Jum il-Mosta. Is-Sindku irrefera għall-ikel li jrid isir f'dan il-jum. Hawn is-Sur Joe De Martino qal li wieħed għandu jġib tliet *quotations* u jkompli minn hemm.

## 3.0 Riżoluzzjoni KLM 17/2011

3.01 Hawn inqrat riżoluzzjoni Nru 17/2011 li tgħid:

"Għaldaqstant il-Kunsill jirrisolvi li l-manutenzjoni tat-toroq għandha tingħata prijorita fuq xogħol ieħor u fl-iqsar żmien possibbli jitkompla x-xogħol meħtieġ fiż-żona kollha mingħajr diskriminazzjoni. Il-Kunsill għandu jassigura li fil-budget li ġie ippreżentat fil-laqgħa tal-11 ta' Mejju 2011 isir il-vot meħtieġ għal dan l-sikop. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jikkordina u jara li dan ix-xogħol isir".

3.02 Is-Sindku semma li veru ma sarux ħafna toroq bit-tarmak fil-Mosta. Biss hu qal li imkien ma ried iwaħħal li dan kien tort tal-Gvern Ċentrali. Hu kompla li l-flus tat-toroq fil-Mosta kienu intefqu fuq Triq il-Ħtajriet. Kieku ma sarx dan, bl-istess flus flokhom setgħu isiru bejn 30 u 40 triq oħra żgħar.

3.03 Il-kunsillier is-Sur Joe Demartino baqa' jsostni li bil-flus kellu jibqa jsir *patching* regolari . Huwa qal li kif kien stqarr fl-aħħar laqgħa il-*patching* ma kienx qed isir. Huwa kompla li l-Kunsill għandu jara li l-*patching* u t-toroq għandhom jingħataw prijorita'. Il-*patching* u t-toroq għandhom jiġu qabel l-iskate park.

Hawn din ir-riżoluzzjoni KLM 17/2011 għaddiet għall-vot. Ittieħed il-vot u :

Il-Kunsilliera David Meilak, Paul Agius, Dr Shirley Farrugia, Joe De Martino, Marthese Mifsud u Nicola Fenech Adami kienu favur il-mozzjoni.

Ma kien hemm l-ebda kunsillier kontra. Il-Perit Chris Grech u s-Sindku Dr P. Chetcuti Caruana kienu se jastjenu peress li huma ma kienux jaqblu ma punti 1 sa 7 tar-Riżoluzzjoni. Hawn ir-Riżoluzzjoni għaddiet b'sitt voti favur u kien hemm żewġ astensjonijiet.

## 4.0 Riżoluzzjoni KLM 18/2011

4.01. L-istqarrija tas-Sindku dwar statement ta' protesta imsemmija f'item 2 tghid hekk:

4.02 'Nibqa' nsostni li l-mozzjoni hija illegali kif qal l-avukat tal-Kunsill.
Għadni nistenna risposta mid-direttur aktar ċara milli bagħat u nipprotesta għall-fatt ukoll li fil-mozzjoni ma tawx raġunijiet għaliex l-ewwel kumitat approvat mill-istess Kunsill għandu jiġi xolt wara li ilu jaħdem aktar minn erba' snin'.

Il-Kunsillier Chris Grech qal li hu kien qed jaqbel ma' dan l-*istatement.*

4.03 Hawn inqrat ir-riżoluzzjoni KLM 18/2011 li tgħid:

funzjonijiet imsemmija fuq għandu:

- Ikun kompost minn 2 membri f'isem il-PN, 2 f'isem il-PL u wieħed f'isem l-Indipendenti.

- Għandu jiġi assigurat li kull membru li ser iservi fuq xi kumitat jew bord ikun jista' jattendi qabel ma jiġi iffissat il-ħin u l-ġurnata ta' kull laqgħa".

Din ir-riżoluzzjoni hekk moqrija ġiet imressqa għall-vot.

Favur il-mozzjoni kienu:
Il-Kunsilliera David Meilak, Paul Agius, Dr Shirley Farrugia, Joe De Martino, Marthese Mifsud u Nicola Fenech Adami.

Kontra l-mozzjoni kienu:
Is-Sindku Dr Paul Chetcuti Caruana u l-Kunsillier il-Perit Chris Grech.
Il-mozzjoni għaddiet b'sitt voti favur u tnejn kontra.

**5.0 Jum il-Mosta**

Hawn il-Kunsill beda jittratta *Item* 5 fl-aġenda li kienet tittratta dwar Jum il-Mosta.

5.01 Is-Segretarju qara' r-rapport tal-ġurija kompost mis-sur Joe Cristina, Dr George Cassar u s-sur Philip Borg dwar l-Onorifiċenza ta' Ġieħ il-Mosta.

Il-Kunsill b'mod unanimu qabel ma' dan ir-rapport u rringrazzja lill-membri tal-bord.

5.02 Is-Sindku ppropona li kif ġara f'xi okkażżjonijiet oħra, il-Gieħ ta' Jum il-Mosta din is-sena jingħata lill-ewwel tliet persuni li ġew skont l-ordni kif jidher fir-rapport.

5.02 Hawn il-Kunsillier is-Sur Joe De Martino wera l-fehma li din is-sena dan il-Ġieħ jingħata lil persuna waħda li ġiet l-ewwel fil-lista, jiġifieri il-Mro Victor Zammit.

Ittieħed vot fuq il-proposta tas-Sur Joe De Martino u l-Kunsilliera ivvotaw hekk:

Favur: il-Kunsilliera David Meilak, Paul Agius, Dr Shirley Farrugia, Joe De Martino, Marthese Mifsud u Nicola Fenech Adami.

Is-Sindku Dr Paul Chetcuti Caruana u l-Kunsillier il-perit Chris Grech astjenew.

Hekk il-proposta għaddiet b'sitt voti favur u kien hemm żewġ astensjonijiet.

5.04 Hawn is-Segretarju ta xi avviżi dwar Jum il-Mosta. Fost l-oħrajn semma' li:
L-attivita' kellha tibda b'Quddiesa fil-Parroċċa ċċelebrata mill-Mons Joe Carabott u l-Arċipriet Dun Mario Tong.

Wara kulħadd imur fis-Sala tal-Kunsill fejn fis-7.30pm kellha titkompla s-Serata.

**6.00 Affarijiet Oħra**

6.01 Ma ġiet diskussa l-ebda materja oħra.

**7.00 Aġġornament**

7.01 Il-Laqgħa spiċċat fl-10.00 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv